# Il-Konsonanti Xemxin u Qamrin

L-għan ewlieni ta' din l-attività interattiva huwa li l-istudenti jiġbru fi gruppi xi ismijiet tad-djar u tat-toroq skont il-mekkaniżmu tal-konsonanti xemxin u dawk qamrin. *(Din l-attività għandha ssir wara **preżentazzjoni** li fiha jkun diskuss is-suġġett kif ukoll xi bidliet fl-artiklu riżultat tal-assimilazzjoni.)*

**Id-deskrizzjoni tal-attività:** (Attività fuq il-bord interattiv - *ActivInspire*)

1. L-istudenti ser imexxu l-isem tad-dar / triq f'waħda mill-kaxxi prinċipali. *( il-konsonanti XEMXIN / il-konsonanti QAMRIN )*

2. Ladarba jkunu ġabru fi gruppi l-ismijiet kollha ...

   ✓ il-kaxxi prinċipali jixegħlu b'lewn **aħdar** jekk kull isem magħżul ikun fil-grupp it-tajjeb.

   X il-kaxxi prinċipali jixegħlu b'lewn **aħmar** jekk xi isem ma jkunx qiegħed fil-grupp it-tajjeb.

